



Stampa u Informazzjoni

ELEZZJONI TAL-PRESIDENTI TAL-AWLI BI TLIET IMĦALLFIN U GĦAŻLA TAL-AVUKAT ĠENERALI PRINIPALI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara l-elezzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej¹ u l-elezzjoni tal-Presidenti tal-Awli b'ħames imħallfin², l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleġġew minn fosthom, fit-8 ta' Ottubru 2009, il-Presidenti tal-Awli bi tliet imħallfin, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

B'hekk, ġew eletti, għal perijodu ta' sena: Egils Levits, President tal-Ħames Awla, Pernilla Lindh, President tas-Sitt Awla, Rosario Silva de Lapuerta, President tas-Seba' Awla u Camelia Toader, President tat-Tmien Awla.

B'mod konformi mal-istess dispożizzjoni, fit-8 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Ġustizzja ħatret lil Paolo Mengozzi bħala Avukat Ġenerali Prinċipali għal perijodu ta' sena.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-istqarrija għall-istampa Nru 88/09 tas-7 ta' Ottubru 2009.

² Ara l-istqarrija għall-istampa Nru 89/09 tas-7 ta' Ottubru 2009.